18 ta' Ottubru 2014

117/2014

## ĊIRKULARI TAL-KURJA TAL-ARĊISQOF

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku aċċetta r-riżenja tal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. bħala Arċisqof ta' Malta. L-Arċisqof Cremona rriżenja minħabba raġunijiet ta' saħħa. Ir-riżenja tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Ottubru 2014 f'nofsinhar. Mons. Cremona ngħata t-titlu ta' Arċisqof Emeritu ta' Malta. F'ittra ndirizzata lil Mons. Cremona, il-Qdusija Tiegħu l-Papa rringrazzja lill-Arċisqof Emeritu għall-ministeru episkopali tiegħu li kien magħruf u apprezzat għall-imħabba pastorali u l-kuntatt uman mill-qrib mal-Poplu ta' Alla.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku nnomina lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Titulari ta' San Leone, bħala Amministratur Appostoliku *sede vacante* bis-setgħa li jmexxi l-Arċidjocesi ta' Malta sakemm l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta jieħu l-pussess kanoniku tal-Arċidjoċesi. Fil-perjodu li fih is-Sede Arċiveskovili ta' Malta tkun vakanti, il-ministeru pastorali ordinarju huwa assikurat taħt it-tmexxija tal-Amministratur Appostoliku, iżda kull inizjattiva innovativa titħalla għad-deċiżjoni tal-Arċisqof il-ġdid.

Is-Santa Sede tat struzzjonijiet lin-Nunzju Appostoliku, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Aldo Cavalli, biex jibda l-proċess kanoniku ta' konsultazzjoni u dixxerniment li jgħin lill-Qdusija Tiegħu l-Papa fl-għażla tiegħu tas-suċċessur tal-Arċisqof Cremona.

Waqt iż-żmien li matulu s-Sede Arċiveskovili ta' Malta tkun vakanti, fil-parroċċi u l-knejjes kollha tad-Djoċesi għandu jsir dan li ġej:

F'jum konvenjenti, darba fil-ġimgħa (preferibbilment il-Ħamis), tiġi iċċelebrata l-Quddiesa Votiva għall-Għażla tal-Isqof bil-Qari tal-ġurnata.

F'kull Quddiesa, waqt it-Talb tal-Fidili, wara t-talba għall-Papa, tiżdied din it-talba:

"Agħtina, Mulej, Ragħaj skont il-qalb tiegħek li jħabrek għall-glorja tiegħek u għall-ġid tal-Knisja bi spirtu ta' għerf u għaqal, bi spirtu ta' qawwa u ħlewwa, bi spirtu ta' umiltà u sabar. Nitolbu".

Tkun ħaġa tassew xierqa li d-Djakni u s-Saċerdoti Djoċesani kif ukoll ir-Reliġjużi Rġiel u Nisa u l-Lajċi li jitolbu l-Liturġija tas-Sigħat, jinkludu din it-talba kuljum waqt il-Preċi fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar.

Fit-Talba Ewkaristika, l-Amministratur Appostoliku jissemma wara li jissemma l-Papa, bil-kliem: "il-Papa Franġisku, l-Isqof Charles, l-Isqfijiet u l-Ministri tiegħek kollha".

Il-Membri kollha tal-Kleru, ir-Reliġjużi, u l-Fidili Nsara kollha huma mħeġġa jitolbu għall-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona, għall-Isqof Charles Scicluna, l-Amministratur Appostoliku, u għall-proċess kanoniku li ser iwassal biex jintagħżel l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta.

Mogħtija mill-Kurja ta' Malta, il-Furjana

Illum, 18 ta' Ottubru 2014, Festa ta' San Luqa Evanġelista

✠ Charles J. Scicluna

Isqof titulari ta' San Leone

Amministratur Appostoliku *sede vacante*

Rev. Dun Charles Bugeja

Aġent Kanċillier

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**